**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 25

**It-Tnejn, 14 ta' Settembru, 2020.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, il-viċi Sindku u l-kunsillieri Maria Mifsud u l-Inġ. Stanley Zammit, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-sitta ta' filgħaxija, filwaqt li l-kumplament tal-kunsilliera ngħaqdu virtwali.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Carlo Stivala (CS) Kunsillier

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali beda din is-seduta billi għadda l-kondoljanzi lil familja tas-Sur Joseph Farrugia (Sindku), kif ukoll feraħ lit-tim tar-Regatta, kategorija B għar-rebħ tax-shield, Ingħata ġiħ ukoll lil żewġ żgħażagħ li ġew maħtura bħala President u viċi President tal-Malta Football Referees Association (MFRA). Il-President huwa s-Sur Trustin Farrugia Cann, filwaqt li l-viċi President huwa Fyodor Zammit.

Is-Sur Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 25.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Inqrat ittra t'apoloġija għan-nom tal-kunsillier Stivala li għal raġuni ta' xogħol, ma setax ikun preżenti. Il-membri preżenti approvaw din l-apoloġija.

## 25.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 24)

25.02.01 Waqt is-seduta ġew approvati l-minuti tas-seduta ta' qabel bin-numri (24). Għaldaqstant, inġibdet l-attenzjoni mil-kunsillier (SZ) li f' paragrafu numru (24.07.01), l-ewwel sentenza għanda tinbidel u tkun taqra: Is-sala tal-Kunsill li qed tintuża' bħala satellite office, ġiet imbajda, inbidlu t-tubi u tinsab lesta mgħammra minn kollox biex tista' tintuża' għal dan il-għan. Jonqos biss il-lockers, fire extinguisher, whiteboard, isiru l-partions tal-aluminuim u jiċaqlaq il-main switch. (SZ) kompla jiġbed l-attenzjoni wkoll li f'paġna numru (5), ir-raba' vers għanda tiżdied: fiż-żona magħrufa bħala l-ex impjant tal-gas tal-Enemed. (SZ) indika wkoll li f'paġna (8), l-isem tat-triq għandu jaqra Triq Herakles, minflok Harkins. Emendi oħra ġew indikati mill-kunsillier (AC) fejn ġibed l-attenzjoni li f' paġna (3) paragrafu (4) trid tinbidel u taqra: il-każin tal-labour. Emenda oħra minn (AC), paġna (4), it-tielet paragrafu trid tinbidel u taqra: mat-taqsima tal-infurzar tal-Awtorità tat-Trasport. F'paġna (7), vers (6) tinbidel u taqra: is-sindku ssuġġerrixa biex il-perita. Filwaqt li fl-aħħar vers: idealment ma jkollniex. Ma dawn l-emendi, il-kunsillier (DP) xtaqet ukoll li f'paragrafu (24.07.03) tiżdied li tkellmet ukoll fuq il-Bajja tal-Klieb u li ser tkun qiegħda tibgħat is-site plan lis-(SE). Il-proponent ta' dawn il-minuti kien il-kunsillier (SZ), issekondat mill-viċi sindku.

## 25.03 Skeda ta' pagamenti

25.03.01 Ġiet ippreżentata l-iskeda ta' pagament bin-numru (Skeda 09/20) li tkopri xiri u pagamenti bejn il-15 t' Awwissu u l-11 ta' Settembru, 2020. Madankollu ma sarx qbiel li jitħallsu versi numri (4 u 5) relatati mal-kuntrattur (temporarju) taż-żamma tal-latrini pubbliċi, kif ukoll vers numru (58) mas-servizz mogħti mill-accountant tal-Kunsill. Għal dawn il-versi ġie mitlub lis-(SE), sabiex tibgħat emajl ta' ġustifikazzjoni. Għalkemm dawn il-ħlasijiet inżammu mill-iproċessar, madankollu, l-ebda membru preżenti ma talab sabiex il-kuntrattur (temporarju) jitwaqqaf immedjatament mis-servizz provdut. Intlaħaq ftehim, sabiex wara li l-membri jkunu approvaw il-ġustifikazzjoni, dawn is-servizzi jkunu jistgħu jiġu pproċesati. Għaldaqstant, il-proponent tal-iskeda ta' pagamenti kienet il-kunsillier (MM), issekondata

mis-Sur Sindku. Ġiet ippreżentata wkoll il-lista tal-Petty Cash numru (8) li tkopri x-xahar t' Awwissu. Din ma kienx hemm oġġezzjonijiet fuqa.

## 25.04 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

25.04.01 Matul din is-seduta ġew ippreżentati l-kwotazzjonijiet marbuta ma' xiri ta' automated santizer machine għal ħdejn il-bieb tal-uffiċċju. Il-magna li ġiet approvata hija dik ta' mingħand il-kumpanija Mint Health li hija contact less u bil-pedala. Din il-magna tiswa €266.00 (VAT ink.), filwaqt li l-kontenut ta' ħames litri sterilizer jiswa €37.17 (VAT ink.).

## 25.06

Qabel tmiem din is-seduta, is-Segretarju Eżekuttiv talbet għall-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti, sabiex takkumula sebgħa u sebgħin siegħa (77) ta' vacation leave, għas-sena 2021, skont l-emajl mibgħuta mid-dipartiment, nhar il-31 t' Awwissu. Il-Kunsilliera kollha preżenti approvaw dawn is-sigħat.

## 25.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

25.08.01 Il-laqgħa aġġornat fit-tmienja nieqes għaxar minuti, ta' filgħaxija, mingħajr ma ġiet eżawrita l-Aġenda kollha minħabba tqugħ tekniku li seħħ bejn is-sebgħa u għoxrin u s-sebgħa u nofs u ħames minuti. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 5 t' Ottubru, fis-sitta ta' filgħaxija, sabiex ikompli fuq l-istess Aġenda. Kien hemm kunsilliera li kienu preżenti fl-uffiċċju, kif ukoll xi wħud li kienu onlajn.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | _________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |